**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 306/23 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 3/2009)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewwgu fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirriżulta minn kopja tac-certifikat taż-żwieg,

hawn annessa, esebita u mmarkat bhala DOK. AMR1, u minn dan iż-żwieg ma kellhomx tfal

2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dottor Malcolm Camilleri datat wiehed u tletin (31) taLulju tas-sena elfejn u hmistax (2015), kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bħalha DOK. AMR2.

3. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt taseparazzjoni, il-kontendenti irrinunzjaw għad- dritt li jitolbu/jirċievu manteniment mingħand xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet

5. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponenti qed jikkonferma dan kollu bil-gurament taghha permezz ta' affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala DOK AMR3.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a) Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieg eżistenti bejn il-partijiet;

b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet konvenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Lulju 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.